# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 15 ta' Lulju 2016**

**Kawza Numru : 3**
**Rikors Guramentat Numru : 413/2016/LSO**

**Francis Frendo**

**vs**

**Sylvia Frendo**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Francis Frendo [detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 63561(M)] datat 25 ta' Mejju u 2016 fejn espona: -

Illi l-kontendenti huma konjugi, u d-dar konjugali taghhom hija stabbilita fil-fond esternament numerat tmienja u ghoxrin (28), u maghruf bl-isem "Casa San Filippo", fi Triq Guze' Cardona, Qormi, u ilha hekk stabbilita snin.

Illi matul is-sajf tas-sena 2014, dizgwid matrimonjali wassal sabiex l-attur johrog mill-fond konjugali, mentri l-konvenuta baqghet tghix fl-imsemmi fond flimkien maz-zewg ulied maggorenni tal-kontendenti.

Illi madanakollu l-kontendenti regghu irrikonciljaw ftit wara, tant li l-attur reggha ssokta jghix fl-imsemmi fond konjugali flimkien ma' martu l-konvenuta u uliedhom.

Illi ricentement regghu feggew problemi bejn il-kontendenti.

Illi l-attur baqa' fil-pussess tad-dar konjugali sal-20 ta' Mejju 2016, meta l-konvenuta minghajr jedd u abbuzivament impediet lill-attur milli jaccedi ghall-imsemmi fond kif ukoll ghall-garaxx imniffed mal-istess fond u numerat 29, bil-konsegwenza li l-attur safa mkecci mid-dar konjugaii kontra l-volonta' tieghu.

Illi dan jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin fil-konfront ta' l-attur.

Illi ghalhekk qed issir din il-kawza.

Illi l-attur jiddikjara li jaf bil-fatti fuq premessi personalment.

Ghaldaqstant l-attur, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti, previa d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni, joghgobha:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-konvenuta kkommettiet spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-attur meta tellfitu mill-pussess tal-fond esternament immarkat bin-numru 28, u maghruf bl-isem "Casa San Filippo", fi Triq Guze' Cardona, Qormi u tal-garaxx biswit l-istess fond, esternament immarkat bin-numru 29;

2. Tordna lill-konvenuta sabiex *entro* terminu qasir u perentorju tirreintegra lill-attur fil-pussess tal-fond esternament immarkat bin-numru 28, u maghruf bl-isem "Casa San Filippo", fi Triq Guze' Cardona, Qormi u tal-garaxx biswit l-istess fond, esternament immarkat bin-numru 29, u dan taht piena ta' disprezz lejn l-Awtorita' Taghha;

3. Tawtorizza lill-attur sabiex, fl-eventwalita' li l-konvenuta tonqos milli tirreintegrah fil-pussess tieghu kif mitlub permezz tat-talba precedenti *entro* t-terminu qasir u perentorju ghalhekk iffissat, jiehu dawk il-passi kollha necessarji u jwettaq ix-xoghlijiet kollha mehtiega, *occorrendo* taht is-sorveljanza ta' periti nominandi jew ta' l-ufficjali ezekuttivi ta' dina l-Onorabbli Qorti sabiex jigi hekk reintegrat, u dan bl-ispejjez kollha jkunu a karigu tal-konvenuta;

4. Tordna lill-konvenuta sabiex b'ebda mod iehor ma ttellef lill-attur mill-pussess ta' l-istess beni, u dan taht il-piena ta' disprezz lejn l-Awtorita' Taghha.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni ta' l-istess konvenuta.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-21 ta' Gunju 2016.

Rat in-nota guramentata ta' ammissjoni tal-intimata fejn ammettiet it-talbiet atturi u cioe' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet kif kontenuti fir-rikors guramentat tieghu enumerat 413/2016, fl-ismijiet premessi. Illi izda ssottomettiet li m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din il-procedura *stante* illi hi qatt ma gie debitament interpellata qabel ma giet intavolata l-procedura odjerna.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Lulju 2016 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Mark Simiana ghall-attur u Dr Yanika Vital ghall-konvenuta. Il-partijiet prezenti. Il-Qorti rat in-nota ta' ammissjoni da parti tal-konvenuta. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-15 ta' Lulju 2016 fl-10:00am.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din is-sentenza hija limitata ghall-kap tal-ispejjez peress li l-intimata ammettiet it-talbiet, izda rriservat ruhha dwar dan il-kap.

Illi l-istess intimata ssottomettiet anke fin-nota taghha li m'ghandhiex tbaghti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri billi ma gietx debitament interpellata qabel ma gew intavolati dawn il-proceduri.

Illi izda l-Qorti ghandha taghmel kap ghat-talbiet kif ifformulati li jirrigwardaw spoll vjolenti u klandestin fejn ir-rikorrent gie spussessat mid-dar konjugali mill-istess intimata u ilu barra mid-dar sa mill-20 ta' Mejju 2016. Difatti din il-Qorti laqghet it-talba tieghu sabiex il-kaz jinstema' bl-urgenza u bl-abbrevjazzjoni tat-termini soliti moghtija (Digriet tas-6 ta' Gunju 2016).

Ikkonsidrat li ghalkemm l-intimata ammettiet it-talbiet, jirrizulta li ghadha ma kkonsenjatx ic-cwievet tal-fond lill-istess rikorrent. Fil-fehma tal-Qorti dan juri li interpellazzjoni f'dan il-kaz kienet tkun inutili.

Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi biex taddebita l-ispejjez lill-istess intimata billi ma jezistux l-attenwanti sabiex tesercita d-diskrezzjoni taghha mod iehor.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi *stante* l-ammissjoni tal-intimata, tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u cioe`:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tidddikjara illi l-konvenuta kkommettiet spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-attur meta tellfitu mill-pussess tal-fond esternament immarkat bin-numru 28, u maghruf bl-isem "Casa San Filippo", fi Triq Guze' Cardona, Qormi u tal-garaxx biswit l-istess fond, esternament immarkat bin-numru 29;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-konvenuta sabiex *entro* terminu perentorju ta' xahar millum tirreintegra lill-attur fil-pussess tal-fond esternament immarkat bin-numru 28, u maghruf bl-isem "Casa San Filippo", fi Triq Guze' Cardona, Qormi u tal-garaxx biswit l-istess fond, esternament immarkat bin-numru 29, u dan taht piena ta' disprezz lejn l-Awtorita' Taghha;

3. Tilqa' t-tielet talba u tawtorizza lill-attur sabiex, fl-eventwalita' li l-konvenuta tonqos milli tirreintegrah fil-pussess *entro* t-terminu hekk ordnat, jiehu dawk il-passi kollha necessarji u jwettaq ix-xoghlijiet kollha mehtiega, *occorrendo* taht is-sorveljanza ta' periti nominandi jew ta' l-ufficjali ezekuttivi ta' dina l-Onorabbli Qorti sabiex jigi hekk reintegrat, u dan bl-ispejjez kollha jkunu a karigu tal-konvenuta;

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna lill-konvenuta sabiex b'ebda mod iehor ma ttellef lill-attur mill-pussess ta' l-istess beni, jekk mhux bl-awtorita' ta' Qorti kompetenti jew skont il-Ligi, u dan taht il-piena ta' disprezz lejn l-Awtorita' Taghha.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimata.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**15 ta' Lulju 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Lulju 2016**